MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 276/2006

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Emanuel u Tammy Nancy mizzewgin Cassar**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef u tlett mija u hdax –il Lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (LM4,311.79,0), bilanc ghad-debitu fil-"Loan account" ta' Emanuel u Tammy Nancy mizzewgin Cassar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Doc. "A"), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-5 ta' Settembru tas-sena 2006 sal-jum tal-pagament effettiv, liema "Loan Account" gie moghti lill-konvenuti permezz ta'**

**skrittura privata datata 3 ta' Gunju tas-sena 2003 (Doc. "B");**

**U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe Dok. B partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Emanuel u Tammy Nancy mizzewgin Cassar:**

**(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, u**
**(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew**
**(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 8 ta' Marzu tas-sena 2005 (Doc. "C"), u tal-Mandat ta' Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Deher il-konvenut Emanuel Cassar li permezz tad-depozizzjoni guramentata tieghu, ikkonferma t-talba tas-socjeta' attrici fil-konfront tieghu u tal-konvenuta Tammy Nancy Cassar;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti Cassar.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------